**21 ta' Novembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.E., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B. Litt., LL.D.**

Walter Bonello ne.

*versus*

Carmelo Caruana ne.

**Konsenja ta' Merkanzija — Polza tal-Kariku — Klawsola "Weight, measure, marks, quality, contents, and value unknown" — Kaptan — Prova.**

*L-effett tal-klawsola "weight, measure, marks, quality, contents and value unknown" fuq il-polza tal-kariku, għal dak li huma markji li jkun hemm fuq il-merkanzija, hu illi, bħala regola, il-possessur tal-polza tal-kariku għandu dritt li jirrifjuta l-konsenja li tiġi lilu offerta mill-kaptan ta' merkanzija li ma tikkorrispondix fil-markji għal dik indikata fil-polza; u l-patt li jeżonera lill-kaptan milli jirrispondi*

*għall-markji ma jawtorizzahx li ma jikkonsenjax lid-destinatarju l-merkanzija li tmiss lilu, u ma jeħelsux mill-għemil kolpuż tiegħu. Iżda, meta hemm dik il-klawsola, il-piż tal-prova illi l-kaptan k'en in kolpa fil-konsenja jaqa' fuq id-destinatarju.*

*Normalment, il-fatt stess li tiġi offerta in konsenja merkanzija li għandha fuqha markji diversi minn dawk ndikati fil-polza tal-kariku hu prova sufficjenti tal-ħtija tal-kaptan; iżda, meta hemm fil-polza l-klawsola msemmija, din il-klawsola tiddistruġġi l-preżunzjoni tal-kolpa, u titfa' l-piż tal-prova fuq ir-riċevitur.*

*Għaldaqstant, jekk id-destinatarju tal-merkanzija, li għandu l-polza tal-kariku b'dik il-klawsola, jitlob speċifikatament il-kundanna tal-kaptan jew l-aġent tal-vapur għall-konsenja tal-merkanzija li ma ġietx lilu konsenjata, u in difett il-ħlas tal-valur tal-istess merkanzija, u l-provi ma jaslux biex juru li fil-fatt dik il-merkanzija kienet ġiet karikata, anzi juru l-kuntrarju, dik it-talba ma t'stax isseħħ. Anki jekk id-destinatarju kellu xi dritt, "ex hypotesi", li jirrifjuta l-merkanzija li kellha fuqha markju ta' ħadd ieħor, u talvolta kellu xi azzjoni għad-danni, hu ma setgħax jitlob il-kundanna tal-konvenut biex jikkonsenjalu merkanzija bil-markju tiegħu, li skond il-provi ma też'stix.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi huwa kellu jirċievi partita "chick-peas" ta' 656 xkora marka "A.I.W." li waslet Malta fit-30 ta' Mejju 1956 fuq il-vapur "Jezero"; illi l-konvenut ikkonsenjalu 626 xkora, u kwindi fadal li jikkonsenjalu l-bilanċ ta' 30 xkora; talab illi l-istess konvenut nomine jiġi kundannat jikkonsenjalu l-imsemmija 30 xkora "chick-peas" marka "A.I.W." fi żmien qasir u perentorju li jiġ għalhekk lilu prefiss; u in difett iħallsu l-valur tal-istess merkanzija fis-somma ta' £119. 4.5, jew kull somma oħra verjuri li tirriżulta; bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Awissu 1956;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, ssottometta illi, meta waslet il-merkanzija, huwa ta lill-

attur nomine s-solita "delivery note" għall-kwantità kollha li dan kellu jirċievi, u din kienet teżisti kollha, u fil-fatt mill-merkanzija fadal il-kwantità msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, li huwa dejjem ried jikkonsenja lill-attur nomine, iżda dan ma rtirahiex għaliex ma riedx iħallas tas-sosta tagħha fuq il-moll, kif soltu jsir, u għalhekk ma kienx hemm lok għall-kawża preżenti, billi n-nuqqas tal-konsenja ddependa mill-aġir tal-attur nomine;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1958, li biha ġiet respinta kull kuntrarja eċċezzjoni, u ddeċidiet billi kkundannat lill-konvenut jikkonsenja lill-attur nomine 22 xkora "chick-peas" bil-marka "A.I.W." fi ħmistax il ġurnata mid-data tas-sentenza, u in difett, jekk dik il-konsenja ma tistax aktar issir, ikkundannat lill-istess konvenut nomine jħallas il-valur tagħhom fis-somma ta' £87. 17. 2; l-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza; wara li kkunsidrat;

Illi hu veru li l-konvenut ikkonsenja lill-attur nomine "delivery order" għall-kwantità kollha tal-merkanzija li dan kellu jirċievi, kif il-konvenut nomine ssottometta bl-imsemmija nota tiegħu, għaliex dan jirriżulta mid-dokument fil-fol. 75 tal-proċess; u hu veru wkoll li minn fuq il-vapur niżlet il-merkanzija kollha konsistenti f'"chick-peas" li kienet destinata għal Malta, billi dan jirriżulta mill-kumpless tal-informazzjonijiet rikavabbli mid-dokumenti fil-fol. 67, 68 u 50 tal-proċess, mix-xhieda tal-attur (fol. 10), u minn dik ta' Ivo Muscat Azzopardi (fol. 24): u huwa veru wkoll li, kif issottometta l-konvenut nomine fl-istess nota tiegħu, baqgħu 30 xkora — fir-relazzjoni ta' Muscat Azzopardi jissemmew 29, għaliex in segwitu nsterqet waħda — li l-konvenut nomine ried jikkonsenja lill-attur nomine; iżda mill-imsemmija relazzjoni ta' Ivo Muscat Azzopardi jirriżulta li dawk l-ixkejjer li fadal, u li l-konvenut ried jikkonsenja lill-attur nomine, ma jġibux il-marka tal-ixkejjer li kienu destinati għall-attur nomine, marka li kienet tikkonsisti fi tliet ittri "A.I.W.", imma inveċe, fil-maġġur parti tagħhom, iġibu l-marka tal-ixkejjer li kienu destinati għal Eucaristico Zammit. Tlieta huma difatti mingħajr marka, tlieta bil-marka ma tidherx ......

Din kienet appuntu r-raġuni l-għaliex l-attur nomine ma riedx jirċievi dawn it-30 xkora, billi, jiġifieri, ma kienux iġibu l-marka tal-merkanzija tiegħu, u l-konvenut nomine ma riedx jiggarantilu, kif huwa talbu biex jagħmel, li kienu jikkontjenu merkanzija sħieħa u mhux danneġġjata, u mhux il-għaliex, kif issottometta l-konvenut nomine, l-attur nomine ma riedx iħallas l-ispejjeż tas-sosta tagħhom fuq il-moll. U inveru, għalkemm il-konvenut xehed li din kienet ir-raġuni (fol. 80), l-attur xehed, minn naħa l-oħra, illi qatt ma qamet kwistjoni dwar il-flus tas-sosta......;

Illi l-konvenut nomine, waqt it-trattazzjoni tal-kawża, issottometta — dak li huwa, del resto, minn qabel irrileva lill-attur nomine, kif jidher mid-dokument fol. 37 tal-proċess — illi huwa mhux responsabbli għar-restituzzjoni tal-merkanzija bil-marka ndikata fil-polizza tal-kariku għar-raġuni li, għalkemm skond dik il-polza ġew karikati fuq il-vapur fuq imsemmi fil-port ta' Beirut, fit-3 ta' Mejju 1956, 656 xkora "chick-peas", kilos 52,480, "A.I.W.", minn Antone I. Warde għad-ditta attriċi f'Malta, iżda fl-istess polizza hemm apposta l-klawsola "Weight, measure, marks, numbers, quality, contents and value, unknown";

Illi hu veru li fl-imsemmija polizza tiffigura l-kondizzjoni riferita (fol. 76), iżda dik il-klawsola, li għandha l-istess validità u effikaċja tal-klawsola "dice essere", tiddispensa l-kaptan mill-obligu li jikkontrolla l-operazzjoni tal-imbark. Tfisser li l-kaptan ma kkontrollax il-piż, il-miżura, il-marki, in-numri, il-kontenut jew il-valur, u kwindi li ma assuma ebda responsabbiltà a propożitu; jiġifieri, biex noqgħodu għall-każ preżenti, ma assuma l-ebda responsabbiltà illi l-ixkejjer li ġew karikati kellhom fil-fatt il-marka li fil-polizza nkiteb li kellhom; imma dik il-klawsola ma tneħħix l-obligu tiegħu li jirrestitwixxi l-merkanzija ta' dik il-marka, Dawn il-klawsoli ma jeskludux assolutament ir-responsabbiltà tal-kaptan u tal-armatur, imma għandhom biss l-effett li jinvertixxu l-onere tal-prova, fis-sens li allura jkun imiss lill-karikatur jew lir-riċevitur li jipprova illi l-merkanzija ġiet realment imbarkata kif indikata fil-polizza tal-kariku;

Il-kaptan, mbgħad, bħala aġent kummerċjali tal-armatur, ma jistax jeżimi ruħu mir-responsabbiltà għall-fatt proprju, lanqas biss meta jiġi stipulat patt espress a propożitu; u ntant jirriżulta mill-kumpless tal-provi, speċjalment mid-depożizzjoni tal-imsemmi Ivo Muscat Azzopardi (fol. 24) u mir-relazzjoni tiegħu fuq riferita dwar il-markji tal-ixkejjer li baqgħu (fol. 13), illi l-merkanzija tal-attur nomine tħaltet ma' ta' ħadd ieħor u ma' tal-imsemmi Eucaristico Zammit, u lil dan ġew mogħtija xkejjer li ma kellhomx il-marka tiegħu, għaliex jirriżulta illi huwa ħa n-numru kollu tal-ixkejjer tiegħu (fol. 56), u ntant baqa' ċertu numru ta' xkejjer li jġibu l-marka tal-ixkejjer tiegħu......;

Illi dan it-taħlit ta' merkanzija destinata għal wieħed ma' merkanzija destinata għal ieħor, f'każijiet bħal dawn, hija ħaġa ta' rikorrenza frekwenti; iżda ma jeżonerax lill-kaptan li jikkonsenja lil kull wieħed il-merkanzija tiegħu skond il-marka rispettiva, meta, anki fil-preżenza ta' klawsola bħal dik fuq riferita, il-merkanzija tkun ġiet karikata realment b'dawk il-markji. Meta jiġri dan it-taħlit, huwa użu fil-port ta' Malta li r-riċevituri kollha tal-merkanzija jifthemu li "jħalltu u jaqsmu"; jiġifieri kull wieħed minnhom jieħu l-kwantità u l-piż tiegħu, u fil-każ li ma jkunx jista' jieħu l-piż intier, issir riduzzjoni proporzjonata bejniethom; imma biex dan ikun jista' jsir, irid isir ftehim espress bejn ir-riċevituri kollha; u jekk wieħed minnhom jagħmel oppożizzjoni ma jidħolx fil-ftehim, u allura jkollu d-dritt jieħu dak li jġib bil-marka tiegħu, u dak biss (fol. 25);

Fil-każ preżenti, dan il-ftehim ma sarx. Ma hemm l-ebda użu fil-port ta' Malta fis-sens li, jekk wieħed ikollu jirċievi tant xkejjer b'marka tiegħu, u jsib anqas b'dik il-marka, jiftaħ xkejjer li jkunu baqgħu mhux bil-marka tiegħu, wara li r-riċevituri l-oħra jkunu ħadu l-merkanzija tagħhom, biex jara jekk il-merkanzija tal-ixkejjer li jkunu baqgħu hix l-istess bħal tiegħu, u, jekk tkun, ikun obligat jeħodhom (fol. 24 tergo);

Illi, kif ġie aktar il-fuq aċċennat. mir-relazzjoni tal-imsemmi Ivo Muscat Azzopardi jirriżulta illi lilll-imsemmi

Eucaristico Zammit ġew mogħtija 22 xkora mhux tal-marka tiegħu, kompriża dik tal-marka li l-istess Muscat Azzopardi tħasseb li setgħet saret f'Malta; għaliex daqstant baqgħu tal-marka tiegħu, u kwindi 22 xkora tal-attur nomine, għaliex il-merkanzija kienet għal dawn it-tnejn biss. Dwar it-tmienja (8) l-oħra ma jistax jiġi ugwalment ritenut li ġew mogħtijin lill-istess Eucaristico Zammit; l-għaliex dwar waħda ma jista' jgħid xejn, billi ma nstabetx meta ġew eżaminati mill-imsemmi Muscat Azzopardi, u s-sebgħa l-oħra ma jġibux il-marka tal-ixkejjer ta' Eucaristico Zammit, u kwindi ma jistax jingħad, kif intqal għall-oħrajn, li ġew lilu mogħtija minflok xkejjer bil-marka tiegħu;

Illi l-valur ta' 22 xkora "chick-peas", kif jirriżulta mid-depożizzjoni tal-attur, hija £87. 17. 2;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut nomine, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn ċaħdet parti mit-talbiet u akkollat parti mill-ispejjeż lill-attur, u revokata fil-kumplament, billi konsegwentement it-talbiet tal-attur jiġu miċħuda fl-interezza tagħhom, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine;

Rat ir-risposta tal-attur nomine, li biha appella inċidentalment minn dik is-sentenza, u talab li tiġi riformata fil-kap fejn ċaħdet it-talba tal-attur għal tmien (8) xkejjer, u bħala konsegwenza llimitat is-somma li għandha tiġi mħallsa lilu f'każ ta' nuqqas ta' konsenja, u fejn ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti skond it-telf u r-rebħ rispettiv, u jiġi deċiż għall-akkoljiment tat-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

Il"Bill of Lading" fol. 76) għandu fuqu illi abbord tal-bastiment "Jezero" ġew mgħobbija, destinati għall-attur, 656 xkora ċiċri bil-markji "A.I.W."; u l-"Manifest of Cargo" ta' dak il-bastiment, għall-istess vjaġġ, għandu fuqu li ġew mgħobbija wkoll 311 xkora ċiċri (li, kif jirriżulta,

kienu destinati għal ċertu Eucaristico Zammit) bil-markji "J.A.S.", u 475 xkora ful għall-istess destinatarju bil-markji "J.S.";

Fuq il-"Bill of Lading" hemm, però, stipulata espressament il-klawsola aktarx użwali — "weight, measure, marks, numbers, quality, contents and value, unknown"; u qabel l-indikazzjoni tal-merkanzija mgħobbija hemm il-kliem "Shipper's description of packages and contents";

Issa, l-effett ta' klawsola simili, għal dak li huma markji, jidher li hu kif sejjer jingħad, u kif del resto ġa qalet sostanzjalment l-Ewwel Qorti. Bħala regola, il-possessur tal-polizza tal-kariku għandu d-dritt li jirrifjuta l-konsenja li tiġi offerta lilu mill-kaptan ta' merkanzija li ma tikkorrispondix fil-markji għal dik indikata fil-polizza; u l-patt li jeżonera lill-kaptan milli jirrispondi għall-markji ma jawtorizzahx li ma jikkonsenjax lid-destinatarji l-merkanzija li tmiss lilhom, u ma jeħelsux mill-għemil kolpuż tiegħu. Iżda, meta hemm dik il-klawsola, il-piż tal-prova illi l-kaptan kien "in colpa" fil-konsenja jaqa' fuq id-destinatarju. "Perciò il capitano non sarebbe obbligato a consegnare merci aventi quelle marche, ammenocchè non fosse provato altrimenti che si fossero effettivamente caricate sulla nave delle merci portanti le marche...riprodotte nella polizza" (Cod. di Comm, comm. Bolaffio e Vivante, Vol. VII, § 590). Normalment, il-fatt stess li tiġi offerta in konsenja merkanzija li għandha fuqha markji diversi minn dawk indikati fil-polizza hu prova suffiċjenti tal-ħtija tal-kaptan; iżda, meta fil-polza jkun hemm stipulata l-klawsola fuq imsemmija, "tale clausola distrugge la presunzione di colpa e mette l'onere della prova a carico del ricevitore" (ibid.);

Issa, biex dawn il-prinċipji jistgħu jiġu applikati tajjeb fil-każ preżenti, jeħtieġ li tiġi preċiżata bir-reqqa t-talba tal-attur kif formulata fiċ-ċitazzjoni tiegħu. Wara li ppremetta illi hu kellu jirċievi partita "chick-peas" ta' 656 xkora (marka "A.I.W."), li waslet Malta fuq il-bastiment "Jezero", u li l-konvenut ikkonsenjalu biss 626 xkora, hu talab "li l-konvenut jiġi kundannat jikkonsenjalu l-imsem-

mija 30 xkora "chick-peas" (marka "A.I.W."), u in difett il-konvenut iħallas il-valur ta' l-istess merkanzija";

Jiġi osservat mill-ewwel illi t-talba tal-attur mhix ġenerikament għall-kundanna tal-konvenut għad-danni minħabba li ma kkonsenjalux il-kwantità ntiera tal-merkanzija li hu kellu jirċievi, iżda hi speċifikatament għall-kundanna tal-konvenut biex jikkonsenjalu 30 xkora markati kif jippretendi l-attur. It-talba alternattiva hi konsegwenzjali, u essenzjalment dipendenti mill-ewwel waħda;

Mela, biex l-attur jista' jirnexxi, jeħtieġ li jipprova li fuq l-imsemmi bastiment ġiet effettivament karikata l-partita ta' 656 xkora, kollha bil-marka "A.I.W.", li waslet Malta, u li l-konvenut nomine, bi ħtija, naqas li jikkonsenjalu 30 xkora li kienu hekk immarkati. Għax jekk din il-prova ma ssirx mill-attur, il-konvenut evidentement ma jistax jiġi kundannat "kif mitlub fiċ-ċitazzjoni";

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-prova l-attur ma għamilhiex;

Kwantu għall-port tal-imbark, in-nuqqas ta' prova da parti tal-attur, jew "ad ogni modo" fil-proċess, huwa assolutament totali. Infatti, stante l-klawsola fuq imsemmija, il-Bill of Landing u kwindi l-manifest, lanqas huma prova "prima facie" li l-merkanzija tal-attur tassew kellha kollha fuqha l-markji ndikati. Anki taħt il-Liġi Ingliża, jidher li, meta jkun hemm il-klawsola "Weight etc. unknown", "it is now settled that in such a case the bill of lading is not even prima facie evidence of the weight, etc. shipped" (Carver's Carriage of Goods by Sea, 9th edition p. 62). Ebda prova oħra ma għamel l-attur;

Stando għall-provi fil-proċess, u l-Qorti naturalment ma tistax tagħmel ħaġ'oħra, lanqas hemm ebda prova li xi parti mill-merkanzija bil-markji tal-attur ġiet kunsinnata lil ħadd ieħor, u partikolarment lil Eucharistico Zammit. L-attur innifsu dan lanqas biss allegah. Ivo Muscat Azzopardi qal, huwa veru, li "dawn l-ixkejjer tħalltu ma' ta' ħadd ieħor, ma' ta' ċertu Karistu Zammit" (fol. 24); iżda hu xejn ma spjega f'hix kien jikkonsisti dak it-taħlit. Anzi

hu beda biex jgħid illi ma kienx hu li ħa ħsieb il-ħatt tal-merkanzija . . . . . ;

*Omissis;*

Minn dan kollu jidher ċar illi tkun għal kollox mera suppożizzjoni, mhux biss mhux bażata fuq il-provi tal-proċess, iżda anzi negata minnhom, li jingħad illi xi merkanzija bil-markji "A.I.W." ġiet konsenjata mill-konvenut lil ħadd ieħor, jew meħuda minn konsenjatarji oħra;

Jibqa', però, il-fatt illi, fost it-30 xkora li fuqhom hemm *il-kwistjoni, instabu 21 li jġibu l-markji "J.A.S.", li* hi l-marka li kellhom ikollhom fuqhom l-ixkejjer taċ-ċiċri destinati għal Eucaristico Zammit. Iżda l-unika spjegazzjoni ta' dan, li tirriżulta mill-provi, qegħdha fix-xhieda tal-imsemmi Giuseppe Sultana. Dan qal illi "il-merkanzija kunsinnata lil Eucaristico Zammit in parti kellha l-markji u in parti ma kellhiex"; u kompla jgħid:— "Meta nkunu qegħdin nirtiraw il-merkanzija, kulħadd jagħżel tal-marka tiegħu; però, kif ġa għidt, kien hemm merkanzija bla marka; minn dik ta' bla marka jiena ħadt ukoll għal Eucaristico Zammit";

Meta wieħed iqies illi anki fost it-30 xkora in kwistjoni hemm sitta li kienu bla marka, il-konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha, "fuq il-provi", hi illi numru ta' xkejjer li ma jistax jingħad kemm kien, imma li kien aktar minn 27, kienu bla marka, u partikolarment mingħajr il-marka tal-attur;

Suppost mela anki li ebda taħwid ieħor dwar il-markji ma kien hemm fil-karikazzjoni, u suppost *li* Eucaristico Zammit, f'lok xkejjer bla marka, ħa l-21 xkora li huma mmarkati "J.A.S." fil-lott in kwistjoni, ir-riżultat kien ikun li dawk li kienu jibqgħu f'lokhom kienu jkunu bla marka, u mhux immarkati "A.I.W." kif jippretendi l-attur;

Minn dan jiġi illi, anki jekk l-attur kellu d-dritt, "ex hypothesi", li jirrifjuta li jieħu merkanzija li kellha fuqha l-markji ta' ħadd ieħor, u talvolta kellu azzjoni għad-danni kontra l-konvenut, hu ma jistax, kif għamel fiċ-ċitazzjoni,

jitlob li l-konvenut jiġi kundannat jikkonsenjalu xkejjer bil-markji "A.I.W.", li skond il-provi ma jeżistux;

Għal dawn il-motivi, it-talbiet tal-attur, kif formulati, ma jistgħux iseħħu;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi;

Tiċħad l-appell inċidentali tal-attur nomine;

U tilqa' l-appell prinċipali tal-konvenut nomine, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu ċaħdet parti mit-talbiet tal-attur u kkundannatu jħallas parti mill-ispejjeż, u tirrevokaha fil-bqija; u hekk tiċħad it-talbiet kollha tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.